MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2012

Numru. 36/2011

**Il-Pulizija**
(Spettur Frank Anthony Tabone)

**vs.**

**John Joseph Pace**

**Illum 19 ta' Gunju 2012**

**Kumpilazzjoni Numru 36/2011**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' John Joseph Pace ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, iben John Nicholas u Carol Sinclair nee' Lowe, imwieled East Kilbridge, Scotland nhar is-6 ta' Awwissu 1985, residenti fil-fond Yellow Hill, Flat 4, Triq il-Qbajjar, Marsalforn limiti taz-Zebbug Ghawdex detentur tal-karta ta' l-identita' bin-

numru 431400L, akkuzat talli nhar it-23 ta' Dicembru, 2010 u fix-xhur ta' qabel f'diversi postijiet gewwa Ghawdex, f'hinijiet differenti;

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghal importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija

u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti, fosthom l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101).

Semghet, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011, l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata minnu wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess.
Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, li l-imputat xtaq jirtira l-ammissjoni tieghu maghmula fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011.

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, lill-konsulent legali tal-imputat jitlob zmien sabiex ikun jista' jipprezenta sentenza jew sentenzi in sostenn tat-talba tieghu, liema talba ghaz-zmien giet milqugha.

Rat ir-Rikors tal-imputat tal-10 ta' April 2012 fejn xtaq jirraferma l-ammissjoni tieghu u jirtira t-talba li ghamel fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2012.

Semghet lill-imputat, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2012, jammetti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata minnu wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess.

Semghet lill-Ufficjal tal-Probation Mary Rose Farrugia tixhed rigward il-*pre sentencing report* mhejji minnha stess u Rat l-istess rapport li gie ezebiet fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2012 u li gie immarkat bhala Dok. "MF 1".

Rat ukoll il-*process verbal* numru 12/12 redatt mill-Magistrat Dr. Paul Coppini, li gie mmarkat bhala Dok. “JA”, liema *process verbal* m’ghandu x’jaqsam assolutament xejn mal-mertu tal-kaz odjern.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi: fosthom in-natura serja tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f’dawn il-proceduri, il-fedina penali tieghu (li hija wahda nadifa) u kif ukoll ix-xhieda moghtija mill-*probation officer* Mary Rose Farrugia u r-rapport taghha fejn fost l-ohrajn tghid: *“John Joseph Pace kien jaghmel profitt kemm isostni l-abbuz tieghu. Nghid li wara li sehh il-kaz, John Joseph Pace iddecieda li jbiddel hajtu”* (*fol.* 64-65). Ms. Farrugia tkompli tghid hekk: *“qed jigi suggeriet lil din l-Onorabbli Qorti li John Joseph Pace jinghata sentenza tassattiva li tkun tqarreb lejn il-minimu kif ukoll jkun irrakkomandat li f’kaz li hu ikun ga beda l-progamm residenzjali mal-Agenzija Caritas ikun permess li l-pjan ta’ kura jkompli jigi ezegwit”* (*fol.* 64-65).

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolamenti 4 u 8 tar-regoli ta’ l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939 (kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta), Artikolu 8(a) u 22(1)(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-ewwel skeda, ir-raba’ (4) u s-sitt (6) Taqsimiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta) issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta’ tmien (8) xhur prigunerija u kif ukoll ghall-hlas ta’ multa ta’ hames mitt Euro (€ 500.00).

Il-Qorti tichad it-talba tal- Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti u dana peress illi mill-atti processwali

ma jirrizultax li gew imqabda l-ebda esperti jew periti in konnessjoni mal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mad-droga ezebiti, fosthom Dokument “FT 2”, u tordna li dan isir taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin biex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jirrijabilita ruhu minn kwalunkwe dipendenza fuq id-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------